



Brussell, 5 ta' Mejju 2026
(OR. en)

7281/26

LIMITE

CORLX 271
CFSP/PESC 388
CYBER 113
JAI 338
FIN 406

ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2019/797 dwar miżuri restrittivi kontra attakki ċibernetiċi li jheddu lill-Unjoni jew l-Istati Membri tagħha

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2026/...

ta' ...

**li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2019/797 dwar miżuri restrittivi kontra
attakki ċibernetiċi li jheddu lill-Unjoni jew l-Istati Membri tagħha**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fis-17 ta' Mejju 2019, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2019/797¹.
- (2) Id-Deċiżjoni (PESK) 2019/797 tapplika sat-18 ta' Mejju 2028.
- (3) Abbażi ta' rieżami tal-Anness tad-Deċiżjoni (PESK) 2019/797, jenħtieġ li l-applikazzjoni tal-miżuri stipulati fl-Artikoli 4 u 5 ta' dik id-Deċiżjoni fir-rigward tal-persuni fiżiċi u ġuridiċi, l-entitajiet, u l-korpi elenkati f'dak l-Anness jiġu estiżi sat-18 ta' Mejju 2027. Barra minn hekk, jenħtieġ li jiġu aġġornati r-raġunijiet għall-inklużjoni ta' erba' persuni u entità waħda fil-lista ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet u korpi soġġetti għal miżuri restrittivi.
- (4) Għalhekk jenħtieġ li d-Deċiżjoni (PESK) 2019/797 tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2019/797 tas-17 ta' Mejju 2019 dwar miżuri restrittivi kontra attakki ċibernetiċi li jheddu lill-Unjoni jew l-Istati Membri tagħha (ĠU L 129I, 17.5.2019, p. 13, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2019/797/oj>).

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni (PESK) 2019/797 hija emendata kif ġej:

- (1) l-Artikolu 10 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Artikolu 10

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika sat-18 ta' Mejju 2028 u għandha tinżamm taħt rieżami kostanti. Il-miżuri stipulati fl-Artikoli 4 u 5 għandhom japplikaw fir-rigward tal-persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet u korpi elenkati fl-Anness sat-18 ta' Mejju 2027.”;

- (2) l-Anness huwa emendat skont l-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data wara dik tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi ..., ...

Għall-Kunsill

Il-President

ANNEX

L-Anness tad-Deċiżjoni (PESK) 2019/797 huwa emendat kif ġej:

(1) taħt l-intestatura "A. Persuni fiżiċi", l-entrati 1, 2, 13 u 14 huma sostitwiti bl-entrati korrispondenti li ġejjin:

	Isem	Informazzjoni identifikattiva	Raġunijiet	Data tal-elenkar
"1.	GAO Qiang	Data tat-twelid: 4 ta' Ottubru 1983 Post tat-twelid: Shandong Province, China Indirizz: Room 1102, Guanfu Mansion, 46 Xinkai Road, Hedong District, Tianjin, China Ċittadinanza: Ċiniża Sess: raġel	<p>Gao Qiang huwa marbut mal-umbrella "APT10" ("Advanced Persistent Threat 10" (Theddida Persistenti Avanzata 10)) (magħrufa wkoll bħala "Red Apollo", "CVNX", "Stone Panda", "MenuPass" u "Potassium"), u kien involut fl-"Operation Cloud Hopper", sensiela ta' attackki ċibernetiċi b'effett sinifikanti li joriġinaw minn barra l-Unjoni u li jikkostitwixxu theddida esterna għall-Unjoni jew għall-Istati Membri tagħha u ta' attackki ċibernetiċi b'effett sinifikanti kontra Stati terzi.</p> <p>L-"Operation Cloud Hopper" kellha fil-mira tagħha s-sistemi ta' informazzjoni ta' kumpanniji multinazzjonali f'sitt kontinenti, inkluż kumpanniji li jinsabu fl-Unjoni, u kisbet aċċess mhux awtorizzat għal data kummerċjali sensittiva, b'riżultat ta' telf ekonomiku sinifikanti.</p> <p>Gao Qiang huwa assoċjat mal-infrastruttura ta' kmand u kontroll tal-APT10. Barra minn hekk, Huaying Haitai, kumpanija użata mill-APT10, u maħsuba biex ttipprovdi appoġġ u tiffaċilita l-"Operation Cloud Hopper", impjegat lil Gao Qiang. Huwa assoċjat ukoll ma' Zhang Shilong, li kellu rabtiet mal-APT10 u li kien ukoll impjegat minn Huaying Haitai.</p>	30.7.2020

	Isem	Informazzjoni identifikattiva	Raġunijiet	Data tal-elenkar
2.	ZHANG Shilong	<p>Data tat-twelid: 10 ta' Settembru 1981</p> <p>Post tat-twelid: China</p> <p>Indirizz: Hedong, Yuyang Road No 121, Tianjin, China</p> <p>Ċittadinanza: Ċiniża</p> <p>Sess: raġel</p>	<p>Zhang Shilong huwa marbut mal-umbrella "APT10" ("Advanced Persistent Threat 10" (Theddida Persistenti Avanzata 10)) (magħrufa wkoll bħala "Red Apollo", "CVNX", "Stone Panda", "MenuPass" u "Potassium"), u kien involut fl-"Operation Cloud Hopper", sensiela ta' attacchi ċibernetiċi b'effett sinifikanti li joriġinaw minn barra l-Unjoni u li jikkostitwixxu theddida esterna għall-Unjoni jew għall-Istati Membri tagħha u ta' attacchi ċibernetiċi b'effett sinifikanti kontra Stati terzi.</p> <p>L-"Operation Cloud Hopper" kellha fil-mira tagħha s-sistemi ta' informazzjoni ta' kumpanniji multinazzjonali f'sitt kontinenti, inkluż kumpanniji li jinsabu fl-Unjoni, u kisbet aċċess mhux awtorizzat għal data kummerċjali sensittiva, b'riżultat ta' telf ekonomiku sinifikanti.</p> <p>Zhang Shilong huwa assoċjat mal-APT10, inkluż permezz tal-malware li żviluppa u ttestja b'rabta mal-attakki ċibernetiċi mwettqa mill-APT10.</p> <p>Barra minn hekk, Huaying Haitai, kumpanija użata mill-APT10, u maħsuba biex tipprovdi appoġġ u tiffaċilita l-"Operation Cloud Hopper", impjegat lil Zhang Shilong.</p> <p>Huwa assoċjat ma' Gao Qiang, li għandu rabtiet ma' APT10 u li kien ukoll impjegat minn Huaying Haitai.</p>	30.7.2020

	Isem	Informazzjoni identifikattiva	Raġunijiet	Data tal-elenkar
13.	Mikhail Mikhailovich TSAREV	<p>Михаил Михайлович ЦАРЕВ</p> <p>Data tat-twelid: 20.4.1989</p> <p>Post tat-twelid: Serpukhov, Russian Federation</p> <p>Ċittadinanza: Russa</p> <p>Indirizz: Serpukhov</p> <p>Sess: raġel</p>	<p>Mikhail Mikhailovich TSAREV ħa sehem fattakki ċibernetiċi b'effett sinifikanti li jikkostitwixxu theddida esterna għall-Istati Membri tal-UE.</p> <p>Mikhail Mikhailovich TSAREV, magħruf ukoll bil-monikers online "Mango", "Alexander Grachev", "Super Misha", "Ivanov Mixail", "Misha Krutysha", u "Nikita Andreevich Tsarev" huwa attur ewlieni fit-tnedija tal-programmi tal-malware "Conti" u "Trickbot" u huwa involut fil-grupp ta' theddida bbażat fir-Russja "Wizard Spider". Wizard Spider qed ikompli jevolvi u jintensifika l-operazzjonijiet tiegħu.</p> <p>Il-programmi tal-malware Conti u Trickbot inħolqu u ġew żviluppati minn Wizard Spider. Wizard Spider wettaq kampanji ta' ransomware f'varjetà ta' setturi, inkluż servizzi essenzjali bħas-saħħa u s-servizzi bankarji.</p> <p>Il-grupp infetta kompjuters madwar id-dinja u l-malware tiegħu ġie żviluppat f'malware suit ferm modulari. Kampanji minn Wizard Spider, bl-użu ta' malware bħal Conti, "Ryuk" TrickBot jew Black Basta, huma responsabbli għal ħsara ekonomika sostanzjali fl-Unjoni Ewropea.</p> <p>Għalhekk, Mikhail Mikhailovich TSAREV huwa involut f'attakki ċibernetiċi b'effett sinifikanti, li jikkostitwixxu theddida esterna għall-Unjoni jew għall-Istati Membri tagħha.</p>	24.6.2024

	Isem	Informazzjoni identifikattiva	Raġunijiet	Data tal-elenkar
14.	Maksim Sergeevich GALOCHKIN	<p>Максим Сергеевич ГАЛОЧКИН</p> <p>Data tat-twelid: 19.5.1982</p> <p>Post tat-twelid: Abakan, Russian Federation</p> <p>Ċittadinanza: Russa</p> <p>Sess: raġel</p>	<p>Maksim Galochkin ħa sehem fattakki ċibernetiċi b'effett sinifikanti li jikkostitwixxu theddida esterna għall-Istati Membri tal-UE.</p> <p>Maksim Galochkin huwa magħruf ukoll bil-monikers online bħala "Benalen", "Bentley", "Volhvb", "volhvb", "manuel", "Max17" u "Crypt". Galochkin huwa attur ewlieni fit-tneċċja tal-programmi tal-malware "Conti" u "Trickbot" u huwa involut fil-grupp ta' theddida bbażat fir-Russja "Wizard Spider". Huwa mexxa grupp ta' testers, b'responsabbiltajiet għall-iżvilupp, is-superviżjoni, u l-implimentazzjoni ta' testijiet għall-programm tal-malware TrickBot, maħluq u mniedi minn "Wizard Spider". Wizard Spider qed ikompli jevolvi u jintensifika l-operazzjonijiet tiegħu.</p> <p>Wizard Spider wettaq kampanji ta' ransomware f'varjetà ta' setturi, inkluż servizzi essenzjali bħas-saħħa u s-servizzi bankarji. Il-grupp infetta kompjuters madwar id-dinja u l-malware tagħhom ġie żviluppat f'sett ta' malware ferm modulari. Il-kampanji minn Wizard Spider, bl-użu ta' malwares bħal Conti, "Ryuk" TrickBot jew Black Basta, huma responsabbli għal ħsara sostanzjali fl-Unjoni Ewropea.</p> <p>Għalhekk, Maksim Galochkin huwa involut fattakki ċibernetiċi b'effett sinifikanti, li jikkostitwixxu theddida esterna għall-Unjoni jew għall-Istati Membri tagħha.</p>	24.6.2024";

(2) taħt l-intestatura "B. Persuni ġuridiċi, entitajiet u korpi", l-entrata 1 hija sostitwita b'dan li ġej:

	Isem	Informazzjoni identifikattiva	Raġunijiet	Data tal-elencar
"1.	Tianjin Huaying Haitai Science and Technology Development Co. Ltd (Huaying Haitai)	magħrufa wkoll bħala: Haitai Technology Development Co. Ltd Post: Tianjin, China	<p>Huaying Haitai pprovdiet appoġġ finanzjarju, tekniku jew materjali, u ffaċilitat, l-"Operation Cloud Hopper", sensiela ta' attakki ċibernetiċi b'effett sinifikanti li joriġinaw minn barra l-Unjoni u jikkostitwixxu /theddida esterna għall-Unjoni jew għall-Istati Membri tagħha, u ta' attakki ċibernetiċi b'effett sinifikanti kontra Stati terzi.</p> <p>L-"Operation Cloud Hopper" kellha fil-mira tagħha s-sistemi ta' informazzjoni ta' kumpanniji multinazzjonali f'sitt kontinenti, inkluż kumpanniji li jinsabu fl-Unjoni, u kisbet aċċess mhux awtorizzat għal data kummerċjali sensittiva, b'riżultat ta' telf ekonomiku sinifikanti.</p> <p>L-attur magħruf pubblikament bħala "APT10" ("Advanced Persistent Threat 10") (magħruf ukoll bħala "Red Apollo", "CVNX", "Stone Panda", "MenuPass" u "Potassium") wettaq l-"Operation Cloud Hopper".</p> <p>Huaying Haitai jista' jkollha rabtiet ma' APT10. Barra minn hekk, Huaying Haitai impjegat lil Gao Qiang u Zhang Shilong, li t-tnejn huma deżinjati b'rabta mal-"Operation Cloud Hopper". Għaldaqstant, Huaying Haitai hija wkoll assoċjata ma' Gao Qiang u Zhang Shilong.</p>	30.7.2020".